MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 19/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c., u l-istess Emanuel Beck**

**vs**

**George Farrugia**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera CGU Assurance**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkunndannati thallsu s-somma ta' mitejn u tminn liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm208.78) liema ammont jirraprezenta hlas ta' danni sofferti f'incident

awtomobilistiku bejnietkom nhar it-tmintax (18) ta' Novembru, elfejn u tnejn (2002) bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija mid-data ta' l-ittra ufficcjali spedita lilkom fil-hamsa (5) ta' Novembru, elfejn u tnejn (2002) sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilek fil-hamsa (5) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga ingunti."

Ra r-risposta:

"Ill t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda – In linea preliminari, in kwantu jirrigwarda GasanMamo Insurance Agency Ltd ghaliex din ma ghandha ebda relazzjoni mal-attur u il-prezenza taghha ma hijiex mehtiega f'dawn il-proceduri, u ghalhekk l-ispejjez kollha provokati bil-prezenza taghha f'din il-kawza ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu akkollati lill-atturi.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex ir-responsabbilita' ghall-incident de quo tinkombi unikament u esklussivament fuq l-attur Emanuel Beck ghaliex kien huwa illi saq il-vettura tieghu b'mod traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Ra d-dokumenti esibiti;

Sema' d-deposizzjoni tal-attur Emmanuel Beck;

Ikkunsidra:

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni fir-risposta, is-socjeta' konvenuta GasanMamo fil-kwalita taghha mharrka hija s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut l-iehor Farrugia. Huwa minnu li din tista' tkun obbligata *ex lege* li thallas lill-attur skond Artiklu 10(1) ta' Kap 104; imma galadarba giet

istitwita din il-kawza dan l-obbligu javveru ruhu biss jekk ikun hemm sentenza kontra l-assikurat taghha. Ghalhekk isegwi li f'dan l-istadju huwa prematur li jittiehdu azzjonijiet gudizzjarji kontra GasanMamo, minhabba l-karenza ta' interess attwali; il-prezentata ta' ittra ufficcjali kontra taghha biex tigi nfurmata bil-proceduri odjerni hija necessarja – u sufficjenti – sabiex jigu pprezervati l-eventwali drittijiet tal-atturi kontriha;

Illi z-zewg sewwieqa jaghtu verzjonijiet konfliggenti ta' kif sehh l-incident. Skond l-attur, huwa kien miexi fil-lane tieghu, inaqqas l-ispeed huwa u javvicina l-gabina tal-biljetti tal-vapur fix-xatt tal-Imgarr, Ghawdex fejn kien sejjer jaqta' biljett meta hass daqqa min-naha ta' wara tal-vettura tieghu. Min-naha l-ohra, skond il-konvenut Farrugia, l-attur issorpassah min-naha tal-lemin tieghu. Il-konvenut qal li fl-ebda mument ma nduna li t-trakk tieghu kien habat mal-vettura tal-attur. Filwaqt li l-attur ressaq il-provi quddiem it-Tribunal billi ta d-deposizzjoni tieghu, il-konvenut Farrugia ma ressaq l-ebda prova u l-verzjoni tieghu tal-fatti tirrizulta mill-istqarrija tieghu *a tempo vergine* kif ivverbalizzata fl-okkorrenza kif ukoll mir-risposta tieghu.

Illi l-verzjoni tal-konvenut li l-attur kien qieghed jissorpassah mhix kredibbli billi (1) kif jidher mill-iskizz il-konvenut kien miexi bi dritt lejn il-gabina tal-biljetti. Ghalhekk b'mod naturali huwa kien qieghed isuq bil-mod u di piu' jnaqqas l-ispeed sabiex jieqaf quddiem il-gabina tal-biljetti ftit metri 'l fuq minnu (2) id-daqqa qieghda fuq in-naha ta' wara fuq in-naha tax-xellug (rear left side). Dan juri li t-trakk tal-konvenut Farrugia habat minn wara fil-vettura tal-attur u ghalhekk kien it-trakk li kien qieghed jaghmel il-manuvra ta' sorpass – kif inhu iktar verosimili billi t-trakk kien sejjer jibqa' ghaddej u ghalhekk kien miexi b'velocita' oghla minn dik tal-vettura tal-attur Beck (3) Farrugia lanqas biss induna li kien habat u ghalhekk juri li ma kienx qieghed izomm *a proper lookout* kif inhu obbligat jaghmel u proprju ghalhekk habat mal-attur.

Jirrizulta li l-attur kien assikurat *comprehensive* u hallas l-ewwel mitt lira minn butu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lil GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentant tas-socjeta' estera CGU Insurance mill-osservanza tal-gudizzju bla pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni ohra li l-atturi jistghu ikunu intitolati li jiehdu fil-konfront taghha fil-futur filwaqt li jikkundanna lill-konvenut l-iehor George Farrugia ghall-hlas ta' LM208.78 hlas ta' danni kif spjegat fl-avviz tat-talba li ghandhom jithallsu kwantu ghal LM100 lill-attur Beck u l-bilanc lil Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentant tas-socjeta' estera Royal and Sun Alliance Insurance plc. Bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru 2002 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez a kariku tal-konvenut Farrugia hlief ghal dawk li jirrigwardaw is-socjeta' assikuratrici konvenuta li ghandhom jithallsu mis-socjeta' assikuratrici attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------